**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Settembru, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 68/01JR**

**Ramon u Margaret Borg**

**vs**

**Francis Spiteri f'ismu proprju u a nom u in rappresentanza ta' Karmnu Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn sitta u erbghin lira Maltija hamsa u erbghin centezmu (Lm246.45), rifuzjoni ta' spejjez inkorsi minhabba hsarat ikkagunati fir-residenza ta' l-atturi mill-atturi u fil-proprjeta` ta' l-atturi, liema spejjez jikkonsistu fi hlas ta' xoghol u**

**materjal (Dok.RM1, RM2, RM3), drittijiet professjonali tal-Perit (Dok.RM4) u legali (Dok.RM5); flimkien ma' l-ispejjez legali u l-imghax legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut proprio et nomine prezentata fis-16 ta' Frar, 2001, fejn intqal:**

1. **Illi in linea preliminari, fid-dikjarazzjoni tal-fatti hekk kif spjegata mill-istess atturi ma jikwadrawx il-konvenuti;**
2. **Illi x-xoghol li sar f'dik iz-zona fejn joqoghdu l-atturi ma sarx mill-konvenuti, izda mill-kumpanija J.G. Construction Limited u ghalhekk il-konvenuti m'huma bl-ebda mod responsabbli ghal xi danni li setghu sofrew l-atturi;**
3. **Illi in oltre l-konvenuti ma jistghux jifmhu kif l-atturi waslu u ikkomputaw id-danni taghhom meta huma permezz tal-konsulent legali taghhom kienu baghtu kont lill-konvenuti, anness u mmarkat bhala Dok. A, illi l-ammont ta' danni kien ta' hames mija disgha u sittin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm569.25).**

**Semgha x-xhieda ta' Ramon Borg, Margaret Borg, il-Perit Mario Formosa u Francis Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' hsarat kagunati fil-fond ta' l-atturi, Flat 3, 29, Queen's Flat, G'Mangia Hill, Pieta`, meta il-konvenut li kien il-propjetarju ta' l-art vicin taghhom, kien qed jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni.**

**2. Jirrizulta sew mix-xhieda ta' l-atturi, kif ukoll tal-Perit Mario Formosa, inkarigat mill-istess atturi, li minhabba x-xogholijiet kienu tfaccaw diversi konsenturi fil-fond imsemmi u kien hemm blajjat maqsumin. Dawna l-hsarat jirrizulta li tfaccaw bejn Novembru, 1998 u Mejju, 1999.**

**3. Jirrizulta li l-konvenut, bhala l-propjetarju ta' l-art fejn kienu qed isiru x-xogholijiet, kien mar fil-fond ta' l-atturi sabiex jara xi hsarat kien hemm. Sussegwentement saru r-riparazzjonijiet mill-attur stess, u l-propjetarja tal-fond ta' l-atturi Catherine Zammit, infurmat lil Spiteri li x-xogholijiet kienu saru.**

**4. Ghalkemm il-konvenut jichad li qatt accetta li jhallas, jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-atturi kif ukoll tal-Perit Formosa, illi fil-fatt dan kien qed jaccetta li jirranga l-hsarat li kien hemm.**

**5. Is-sens ta' l-avviz huwa sufficjentement car, u ma taghmilx sens l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li fid-dikjarazzjoni tal-fatti hekk kif spjegata mill-istess atturi ma jikwadrawx il-konvenuti.**

**6. Ghalkemm il-konvenut qed jghid li x-xoghol li sar f'dik iz-zona fejn joqoghdu l-atturi sar mill-kumpanija J.G. Construction Limited, jirrizulta li hu kien qabbad din il-kumpanija biex taghmel ix-xogholijiet, u kien responsabbli li jara li din ma tikkawzax danni lin-nies li joqoghdu fl-inhawi. Inoltre it-Tribunal, hu soddisfatt li l-istess konvenut matul ix-xogholijiet kien qed jassumi kull responsabilita`, tant li kien hu stess li mar jara x'danni kien hemm, u kif xehed il-Perit Formosa, kien ukoll accetta li jirranga l-hsarat.**

**7. Id-danni reklamati huma dawk elenkati fid-Dok. RM1 sa RM5, cioe` xoghol ta' restawr Dok. RM1 fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120.00), zebgha Dok. RM2 u RM3 fl-ammont ta' erbgha u tletin lira Maltija hamsa u erbghin centezmu (Lm34.45), stima tal-Perit Formosa Dok. RM4 fl-ammont ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46.00), f'total ta' mitejn lira Maltija hamsa u erbghin centezmu (Lm200.45). Qed jintalab ukoll l-ammont ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46.00) Dok. RM5, li fil-fatt huma drittijiet legali li ghandhom jigu kunsidrati ma' l-ispejjez f'dak l-ammont li hu ragonevoli fic-cirkostanzi.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltija hamsa u erbghin centezmu (Lm200.45) bl-imghax legali li jibda**

**jiddekorri mill-lum, salv u impregudikat kull dritt li jista` jkollu l-konvenut proprio et nominee kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nominee, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra bonarja ta' l-4 ta' Gunju, 1999, u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 1999.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**